# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023

**Numru 1**

**Rikors Numru 561/2022/1**

**Ledjon Brakaj**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Avukat Generali**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ledjon Brakaj (ir-rikorrent) tat-23 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. **Illi nhar il-20 ta' Awwissu, 2022**, l-appellant estradant tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-att dwar l-estraddizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) u dan wara l-hrug ta' allert taht is-sistema ta' Informazzjoni Schengen ghal finijiet ta' treggiegh lura tieghu lejn il-Grecja, il-pajjiz rikjedenti, mahruga fuq talba tal-Investigating Magistrate, 6th Investiation Division, First Instance, Court of Piraeus, Fil-Grecja, pajjiz skedat u dan ai termini tar-Regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Ligi Sussidjarja, 276.05 u kif ukoll in forza ta' Mandat t'Arrest Ewropew u l-konsegwenti hrug tac-certifikati tal-Avukat Generali a tenur tar-Regolament 6A u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05.

2. **Illi permezz ta' decizjoni datata d-9 ta' Settembru, 2022** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-att dwar l-estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni, ordnat li l-estradant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura tieghu lejn il-Grecja, il-pajjiz skedat fejn inhareg il-mandat, u kif ukoll infurmat lill-istess appellant estradant illi ai termini tar-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi din id-decizjoni giet **konfermata** fl-Appell u dan permezz ta' sentenza datata s-sbatax (17) ta' Ottubru, 2022;

4. Illi immedjatament wara li nghatat is-sentenza minn l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali, r-rikorrenti intavola l-Kawza Kostituzzjonali odjerna, liema tinsab differita ghal kontinwazzjoni tal-provi tieghu, jekk ikun il-kaz, wara li jigu allegati l-atti Kriminali;

5. Illi f'dan l-istadju r-rikorrenti jixieq illi jigi rilaxxat minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u dan billi jigi akkordat il-beneficcju tal-helsien minn l-arrest minn din il-Qorti;

6. Illi r-rikorrenti qed jintavola din it-talba quddiem din l-Onorabbli Qorti a bazi tal-fatt illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali cahdet it-talba tieghu ghal tali beneficcju, u dan permezz ta' Diriet datat 26.01.23;

7. Illi r-rikorrenti jixtieq jissottometti li f'kaz li ma jigix koncess il-beneficcju tal-helsien minn l-arrest, id-drittijiet tieghu li diga gew lezi, ser ikomplu jigu lezi, u difficli jinghata rimedju li jkun verament effettiv bl-ezitu ta' dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qoti jogghobha:

i. TORDNA SABIEX, ai termini tal-Artikolu 23 tad-Decizjoni Kwadru u a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, TINGHATA mizura provvizorja, ossia ORDNI AD INTERIM u b'hekk TORDNA r-rilaxx tar-rikorrenti minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, billi huwa jigi koncess il-beneficcju tal-helsien minn l-arrest, u dan taht kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fic-cirkostanzi."

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat tal-24 ta' Marzu 2023 (l-intimati) li permezz tagħha wiegbu s-segwenti:

1. "Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti taghti *interim measure* **fis-sens li jinghata l-helsien mill-arrest pendenti s-smigh tal-proceduri kostituzzjonali**.

2. Illi l-esponenti sejrin brevement isemmu xi fatti l-aktar relevanti sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa kemm jista jkun kompleta tas-sitwazzjoni gudizzjarja li tirrigwarda lir-rikorrenti.

3. Illi r-rikorrent tressaq b'arrest fl-20 t'Awissu 2022 quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Rimandanti) wara hrug ta alert taht is-sistema Schengen ai fini ta' treggiegh lura lejn il-Grecja in forza ta' Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet Griegi datat 24 ta' Marzu 2022.

4. Illi il-Grecja bhala il-pajjiz rikjedenti talbet l-arrest u l-estradizzjoni tar-rikorrenti biex jaffacja proceduri kriminali in konnessjoni mal-omicidju volontarju ta' zewg persuni u serq aggravat li sehh fil-gzira Griega ta' Aegina fit-30 ta' Novembru 2015 liema akkuzi jgorru piena massima ta' prigunerija ghall-ghomor.

5. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, b' sentenza tas-17 t' Ottubru 2022, cahdet l-appell ta' Ledjon Brakaj u ordnat il-konsenja tieghu lill-awtoritajiet Griegi filwaqt li ordnat ukoll li l-appellant qua rikorrent jinzamm taht arrest biex jistenna r-ritorn tieghu lejn il-Grecja u dan skont il-ligi.

6. Illi ghalhekk tajjeb li jigi rilevat li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati kriminali Maltin intemmu u l-ordni tal-Qorti ghat-treggigh lura tar-rikorrent lejn il-Grecja huwa wiehed finali stante li m'hemm l-ebda impediment ghall-estradizzjoni tar-rikorrent.

7. Illi ma jezistux l-elementi mehtiega mill-ligi ghall-akkoljiment tat-talba kontenuta fir-rikors promotur, u cioe' t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghti mizura *ad interim* a tenur l-Artikolu 46 tal-Koslituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talba tirrizulta manifestament infondata u ghalhekk ghandha tigi michuda.

8. Illi tabilhaqq allegazzjoni *ex parte* illi sar ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjeta' tal-process gudizzjarju u mal-finalità ta' *res judicata* li sentenza tinzamm milli titwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.

9. Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ghoti ta' ordni provvizzjorja trid tigi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja liindividwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa ezercizzju eccezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' *interim measures* b'mod ristrett ghall-ahhar u jikkoncedu tali mizuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u ta' trattament inuman u degredanti.

10. Illi ssir riferenza ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' April 2003 fejn gie osservat illi *'interim relief jinghata meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm '"an r alleged risk to life or ill treatment" fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni ghal stati fejn ir-risku ghall-hajja huma kbar hafna. "Matters of defention, interference with property rights" m 'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'*.

*11.* Illi l-esponenti jaghmlu riferenza wkoll ghall-provvediment moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1 ) tat-22 ta' Mejju 2018 fejn gie osservat illi *"Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proceduri li ghandha quddiemha fid-dawl tas-succitat insenjament, li minnu johorgu iz-zewg rekwiziti essenzjali sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghti rimedji ad interim mitlub, u cioe l-ksur prima facie u l-hsara irrimedjabbli"*.

*12.* Illi kif osservat dina l-0norabbli Qorti (diversament presjeduta) fid-digriet taghha fl-atti tar-rikors Kostituzzjonali numru 50/16/1 JRM fl-ismijiet "***Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Segretarju Generali u President tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista' u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista vs L-Onor. Prim Ministru et***", deciz 9 ta' Gunju 2016;

> *"biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta 'ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu".*
>
> *"Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' ksur ta' fedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg **ara 'Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et' digriet P.A. Kostit. AE 16.4.2014**".*

*13.* Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana, **jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li: (a) ghandu dritt *prima facie* li nkiser; u (b) li se ssir hsara irrimedjabbli f'kaz li ma tinharigx il-mizura provvizorja**. Illi dawn iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li ghandhom jigu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

*14.* Illi jinghad ukoll li mhuwiex bizzejjed li wiehed joqghod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix certa li ssehh. Minhabba f'hekk, l-ghoti

ta' provvediment provizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg.

*15.* **Illi minn ezami anke superficjali tar-rikors in risposta jirrizulta li dak li qieghed jintalab mir-rikorrenti bhala mizura provvizorja lanqas b'mod l-aktar remot ma jinkwadra u jissodisfa r-rekwiziti zviluppati fil-gurisprudenza odjerna u dan ghal-diversi ragunijiet**.

*16.* Illi dan m'huwiex kaz ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel".

*17.* Illi d-dritt ghal-liberta' m'huwiex wiehed assolut u l-esponent jaghmlu specifikatament referenza ghall-artikolu 5(1)(f) tal-Kap 319 li jghid:

> *Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna.*
>
> *Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi*
>
> *(f) arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorita' fil-pajjiz **jew ta' persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni**.*

*18.* Illi ghal fatt li r-rikorrent gie arrestat in konnessjoni mal-estradizzjoni tieghu, l-esponenti jecepixxu li l-arrest huwa wiehed skont il-ligi ghaliex l-artikolu 5(1)(f) stess sopracitat jispecifika li f'kazijiet ta' estradizzjoni l-arrest tal-persuna ikun pjenament gustifikat u ma jkunx kontra l-artikolu 5.

*19.* Illi apparti dan, l-esponenti itennu li f'kaz li r-rikorrenti jinghata l-helsien mill-arrest il-biza tal-harba jew li jinheba huwa gholi hafna u dan ghaliex:

(i) Il-proceduri gewwa l-Grecja jinvolvu akkuzi ferm serjissimi dwar omicidju doppju li jgorru piena massima ta' ghomor prigunerija.

(ii) Illi r-rikorrent bhalissa m' ghandux permess ta' residenza valida biex jirrisjedi f' Malta billi t-talba tieghu sabiex ikun hemm it-tigdid tal-permess tar-residenza tieghu giet michuda.

(iii) Illi, apparti minn hekk, l-esponenti huma nfurmati wkoll li r-rikorrent, effettivament, m' ghandux residenza fissa hawn Malta. Ghalhekk fl-umli fehmha tal-esponenti ma jaghtix serhan il-mohh li huwa mhux ser jipprova jinheba jew jitlaq

minn Malta anka considerando l-portata tal-akkuzi li huwa mixli bihom gewwa l-Grecja.

(iv) Illi, jrid jinghad ukoll illi skont dak indikat fil-Mandat t'Arrest Ewropew, ir-rikorrent jaghmel uzu minn diversi ***aliases u ismijiet varji***, b' din tkun potenzjalment ir-raguni ghalfejn ir-rikorrent irnexxilu jibqa' mahrub dawn is-snin kollha minn meta sehh ir-reat fl-2015 minghajr ma jigi rintraccjat. Illi din l-imgieba wasslet biex tostakola l-kors tal-gustizzja gewwa l-Grecja. Illi nfatti kif jidher mit-traduzzjoni tal-Mandat t' Arrest mahrug mill-*Piraeus Court of First Instence* ( fol. 229 tal-atti processwali), il-Qorti Griega li ordnat l-arrest tar-rikorrent u l-hrug tal-MAE, ukall tenfasizzha fid-digriet taghha li '*[…] the above accused person [...] does not have a known residence either in the country or abroad, from which results an intention to flee helped by this element and has not declared other details of his residence to other public authorities and also has not come at his own free will in order to account for his acts, from which results that he does not wish to be found, in order to be able to commit even more identical or similar crimes […].*

(v) Illi, apparti minn hekk, mill-informazzjoni provduta fil-Mandat t' Arrest Ewropew, jidher ukoll illi r-reati li jinsab akkuzat bihom ir-rikorrent allegatament twettqu mir-rikorrent flimkien ma' persuna ohra li ghada ma gietx rintraccjata. Illi ghalhekk fl-umli fehmha tal-esponenti tezisti l-biza' reali wkoll illi r-rikorrenti jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew tal-persuna l-ohra allegatament involuta fir-reati li jinsab akkuzat bihom.

(vi) Illi, di piu', l-esponenti taghmel referenza ghall-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li huma ntizi sabiex iharsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi fil-kaz ta' proceduri t'estradizzjoni, il-Konvenzjoni innifisha u anka l-Kostituzzjoni ta' Malta[1], jirreferu ghall-fatt illi fejn persuna tkun ghaddejja minn process ta' estradizzjoni, id-detenzjoni tal-estradant tkun gustifikata waqt il-pendenza ta' dawk il-proceduri u kemm il-darba l-proceduri jitmexxew bil-harsien necessarju.

*20.* Illi l-esponenti jishqu illi l-biza ta' tali harba hija motivata u msejsa minn fatti w osservazzjonijiet oggettivi wara verifiki necessarji kif kondotti mill-Pulizija u l-awtoritajiet koncernati, u din il-Qorti ghandha kull

[1] Artikolu 34(1)(j)

assigurazzjoni illi l-biza tal-harba jew li jinheba kif espressa mill-esponenti tiddipartixxi minn dak kollhu li hu ipotetiku, astratt, generali jew sterjotipiku.

*21.* Illi terga u tghid, illum-il gurnata s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija ben definita fis-sens li hu qieghed taht kustodja skont kif ordnat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti kif konfermata ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tas-17 ta Ottubru 2022. L-awtoritajiet Maltin ghandhom issa r-responsabbilita' li dak li gie ordnat lilhom mill-Qrati Maltin stess, jigi effettivament ezegwiet fis-sens li r-rikorrent jitregga lura lejn l-Grecja, skont kif rikjest mill-awtoritajiet Griegi u dan b'rispett totali mhux biss tal-ligi izda ukoll tal-principju ta' *mutual co-operation* bejn l-Istati Membri f'ambitu ta' Mandat ta' Arrest Fwropew.

*22.* Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tassigura ukoll:

> "*That these proceedings are being unfolded in the context of extradition proceedings exercised through the mechanism of the European Arrest Warrant, intended as a simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution of criminal judgements which enables the removal of the complexity and potential for delay inherent in the established extradition procedures. This mechanism is based on a high level of confidence between Member States the European Union.* ***A national Court, such as this Court, must be careful not to betray this level of confidence****. In accordance with this fundamental principle of mutual trust, there is no general principle that a state cannot surrender an individual unless satisfied that the conditions awaiting him in the receiving country are in full accord with each of safeguards of the Convention. Whilst on the one hand the operation of Extradition proceedings must not in be breach of safeguards to fundamental human rights, such as projection from inhuman and degrading treatment, or the right to life, it lies on the Applicant to prove that extradition proceedings against him would lcad to such a breach. An inversion of proof might obstruct the smooth and efficient operation of extradition proceedings in general the European Arrest Warrant in particular. Therefore in the present proceedings, the onus of such a proof lies on the applicant in accordance with the general principles of the law of evidence - ara id-digriet interlokutorju fl-ismijiet* ***Christopher Guest More vs. Attorney General*** *moghti minn din l-*

*Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Ottubru 2019*".

*23.* Illi l-ligi li biha ir-rikorrenti qieghed jinzamm taht kustodja huwa ir-regolament 24 tal-L.S. 276.05 li ghandu jinqara flimkien mal-artikolu 16 tal-Kap 276, li jghidu hekk:

> *24. Jekk il-qorti tkun mehtiega tmexxi dan l-artikolu bis-sahha tal-artikolu 13(5) jew tal-artikolu 23, il-qorti ghandha tordna lill-persuna li tinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura taghha lejn il-pajjiz skedat fejn ikun inhareg il-mandat.*
>
> *16. Meta persuna tintbaghat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti ghandha, barra milli tgharrafha li ma tkunx se titregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, hlief fil-kaz li tinbaghat taht kustodja biex tistenna li titregga' lura taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgharrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 10(1) u (2) tkun giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x'aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skont idisposizzjniiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar l-Konvenzjoni Ewropea skont il-kaz*.

24. Illi ta' relevanza wkoll ir-regolament 26 tal-L.S. 276.05 moqri flimkien mal-artikolu 17 tal-Kap 276, li jghidu:

> *26. Id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Att rilevanti riapplikaw ghal kull persuna mibghuta jew mizmuma that kustodja taht dan l-Ordni.*
>
> *17. Kull persuna mqieghda jew mibghuta that kustodja skont l-artikolu 15 ghandha tintbaghat il-habs u ghandha tigi meqjusa bhala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proceduri.*
>
> *(2) Dik il-persuna ghandha titqies li tkun taht kustodja legali mill-hin li hekk titqieghed jew tintbaghat sakemm tkun 'il barra mill-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta*.

*25.* Illi mela allura galadarba gew applikati fil-konfront tar-rikorrenti dawn l-artikoli, hu jibqa jitqies li huwa taht kustodja legali minn meta tqieghed taht kustodja sakemm ikun barra mill-gurisdinjoni tal-Qrati kriminali Maltin.

*26.* Illi apparti hekk ghandu jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti ftit taz-zmien ilu ghamel **rikors datat 17 ta' Jannar 2023 fejn bih talab lil-Qorti tal-Appell Kriminali** jinghata l-helsien mill-arrest. B'digriet moghti fis-**26 ta' Jannar 2023** (kopja informali annessa bhala **Dok AG**) il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet dik it-talba u irrilevat fost affarijiet ohra:

***Illi l-akkuzi li qed jiffaccja huma ta' natura sejissima u cioe omicidju volontarju ta' zewg persuni. Illi l-applikant m'ghandux indirizz fiss hawn Malta u m'ghanddux mezzi finanzjarji u introjtu sabiex jghix hajja libera. Illi illum il-gurnata l-applikant ma jistax jahdem b'mod regolari stante li m'ghandux residence permit valida u ghalhekk li kieku kellha takkorda it-talba rikorrenti hija tkun qeda thalli persuna illegalment Malta tgawdi il-liberta taghha. Illi jinghad li l-applikant ilu tmien snin jevadi l-gustizzja gewwa Grecja taht identita differenti u ghalhekk tesisti l-bizgha rejali li l-istess rikorrenti jista jahrab minn Malta. Illi jinghad li r-rikorrenti m ghandux rabtiet sodi ma Malta kif kellhom iz-zewg kazijiet l-ohra Spiteri u Attard imsemmija mid-difiza. Il-fatt li huwa ghamlu tarbija ma ifissix li ghandu rabtiet mal-pajjiz.***

*Ta importanza f'dan il-kaz huwa id-digriet fi-ismijiet Il-Pulizija vs. Fabian Sciriha et. Moghti mill-Qarti Kriminali fejn osservat li:*

*"Din il-Qorti issostni li l-antecedenti tar-rikorrenti ghandha tinghata piz meta tigi biex tikkonsidra jekk akkuzat ghandux jinghata liberta provizorja u dan ghaliex il-passat tal-individwu huwa mera tal-karattru ta' dak li jkun specjalment meta l-proceduri ikunu ghadhom fil-bidu taghhom."*

*Considering that in around sixteen years the accused has already been found guilty of various crimes by the Maltese Courts, this seriously reflects on the character of the accused and there is real and genuine fear that the accused, who has been denied a work permit, will resort fo criminal means to make a living and in this sense the respondent also makes reference to the fact that this homicide with which the applicant has been charged with was allegedly carried out for financial gain;*

*Therefore, the Prosecution believes there is a genuine fear that the accused could <u>commit other crimes.</u>*

**Ghalhekk din il-Qorti minhabba nuqqas ta rabtiet mal-pajjiz, minhabba il-fatt li m'ghandux dritt jghix hawn Malta stunte li l-permess tar-residenza tieghu illum skada u minhabba il-fatt li hemm biza rejali li jista jahrab minn Malta qeda tichad it-talba rikorrenti.**

Dawn il-bizghat ravvizati ftit taz-zmien ilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghadhom rejalissimi.

> 27. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet espressi, fil-fehma tal-esponenti ma jezistux l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti biex huwa jinghata l-helsien mill-arrest sakemm jinqatghu dawn il-proceduri kostituzzjonali. Jigi b'hekk li t-talba kif dedotta fir-rikors ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha f'din il-proċedura għall-ħruġ ta' ordni *ad interim*.

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment fil-miftuħ.

**Ikkunsidrat**

**1.** Dak li jrid ir-rikorrent hu, li din il-Qorti toħroġ ordni *ad interim* billi mhux iżomm lill-intimati milli jagħmlu xi ħaġa li tista' tkun detrimentali għad-drittijiet fundamentali (ordni passiva) iżda tordnalhom li provviżorjament jirrilaxxaw lir-rikorrent miż-żamma tiegħu fil-faċilita' korrettiva ta' Kordin (ordni attiva). Fi ftit kliem, huwa jrid li jingħata l-benefiċċju mill-ħelsien tal-arrest li ma rnexxilux jottjeni fi proċeduri ordinarji oħrajn quddiem il-Qrati oppositi, waħda minnhom quddiem Qorti tal-Appell.

**2.** L-awturi jispjegaw li "*Interim measures can be both positive and negative in character. The majority will be negative (asking states to delay removals) but occasionally the Court will indicate positive measures, such as asking states to provide urgent or emergency medical treatment to detained persons, or to meet with a lawyer to preoare a case before a Court or tu ensure that the death penalty would not be carried out"* (**Harris , Boyle and Warbrick, Law on the European Convention of Human Rights, Oxford Press, 3rd Ed, pg 148.**)

**3.** Jista' jingħad ukoll li f'sens wiesgħa, il-Qrati tagħna imxew fuq it-tagħlim tal-Qorti Ewropeja, iżda kien hemm mumenti, fejn akkordaw ir-rimedji fejn il-Qorti Ewropeja x'aktarx ma tagħtix ordnijiet ta' din ix-xorta. Dan jiġri meta:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a' disposizzjoni tar-rikorrent. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa manifest li dawn ir-rimedji ġew utilizzati.
2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Ara **Sentenza fl-ismijet Angelo Xuereb -vs- Avukat Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2016 Qorti Kostituzzjonali** u kif ukoll dik fl-ismijiet **Mark Formosa -vs- L-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 Prim'Awla, Sede Kost**).

**4.** Issa din il-Qorti eżaminat u fliet sewwa t-talbiet f'dan ir-rikors u jidhrilha, li dak li qiegħed jintalab ma hux relatat mat-talbiet sostanzjali tiegħu fl-ilment Kostituzzjonali tiegħu. Meta tintalab ordni bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, din trid tkun ikkunsidrata fid-dawl tal-azzjoni primarja u ċioe' ir-rikors Kostituzzjonali numru 561/22. Dan għaliex ordni ad interim huwa maħsub li jintalab biex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent <u>f'dawk il-proċeduri</u>. Ordni *ad interim* ma hiex

azzjoni awtonoma u indipendenti mill-azzjoni prinċipali iżda hija kollaterali u anċillari għal dik l-azzjoni.

**5.** Minn eżami tar-rikors numru 561/22 lil din il-Qorti jirriżultalha, li r-rikorrent ma hux jilmenta minn arrest arbitrarju iżda minn trattament inuman u nuqqas ta' smiegħ xieraq (artikolu 36 u 39 u artikolu 6 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Għalhekk anke f'dan ir-rigward biss dawn it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu.

**6.** Imma anke li kieku, ġie kemm il-darba ritenut, kemm minn dawn il-Qrati u anke dik Ewropeja, li rimedju bħal dan huwa aċċettabbli meta jiġi ppruvat, li jekk din il-Qorti ma tilqax talba għall-ħruġ ta' *ordni interim*, ikun hemm perikolu għall-ħajja tal-persuna jew li tista' ssoffri ħsara irreparabbli. (ara fost oħrajn **Sentenza fl-ismijiet Mamatkulov et -vs-Turkija [GC], nos. 46827/99 and 46951/99, § 104, tal- 4 ta' Frar 2005** u kif ukoll **Paladi -vs- Moldova [GC], no. 39806/05, §§ 86-90, tal-10 ta' Marzu 2009**). Għalhekk, il-Qorti ma tistax tifhem kif qatt ir-irkorrent jista' jgħid li għandu *prima facie* dritt li jitlob il-ħelsien mill-arrest minħabba l-fatt biss li qed jinżamm il-faċilita korrettiva ta' Kordin. Minn imkien ma jirrisulta li qiegħed jilmenta minn dan il-fatt.

**7.** Il-Qorti għandha suspett serju, li dak li jrid ir-rikorrent hu, li jottjeni l-ħelsien mill-arrest b'dawn il-proċeduri, għaliex ma irnexxilux f'dan ir-rigward quddiem il-Qrati ordinarji. Jekk huwa hekk, ikun aħjar li kulħadd jifhem, li dawn ix-xorta ta' proċeduri ma humiex maħsuba bħala xi sorpass

proċedurali meta dak li jkun mingħajr suċċess ma jirnexillux jakkwista dak li jrid bi proċeduri ordinarji. Kultant ninsew li l-azzjoni Kostituzzjonali u kull ħaġa anċilllari għaliha huma proċeduri straordinarji u eċċezzjonali.

**8.** Fl-aħħar nett, dato ma non concesso li anke l-aspett proċedurali ġie megħlub, il-Qorti trid ukoll tara s-serjeta' tal-addebiti li qed ikunu jiġu magħmula kontra r-rikorrent, anke jekk minn Awtoritjiet esteri. Il-Qorti trid tiżen u tikkonsidra sewwa ukoll il-bilanċ li jesisti bejn l-interess tal-individwu u tas-Soċjeta' f'dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel tagħha l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Jannar 2023 (esebita f'dawn l-atti b'nota tal-21 ta' April 2021):

"*Illi l-akkuzi li qed jiffacja huma ta' natura serjissima u cioe' omicidju volontarju ta' zewg persuni. Illi l-applikanti ma ghandux indirizz fiss hawn Malta u ma ghandux mezzi finanzjarji u introjtu sabiex ghix hajja libera. Illum il-gurnata l-applikant ma jistax jahdem b'mod regolari stante li ma ghandux work permit valida u ghalhekk li kieku kellha takkorda t-talba rikorrenti hija tkun qeda thalli persuna illegalment Malta tgawdi l-liberta' taghha. Illi jinghad li l-applikant ilu tmien snin jevadi l-gustizzja gewwa Grecja taht identita' differenti u ghalhekk tesisti l-bizgha rejali li l-istess rikorrenti jista' jahrab minn Malta. Illi jinghad li r-rikorrenti ma ghandux rabtiet sodi ma' Malta … il-fatt li huwa ghandu tarbija ma jfissirx li ghandu rabtiet mal-pajjiz.*"

**9.** Fl-aħħar nett, fuq kunsiderazzjoni legali oħra, din il-Qorti temmen, li talba għall-ordni proviżorja bħal dik li qed tintalab ma hiex maħsub biex iġġiegħel lill-Awtorita' tagħmel xi ħaġa (*di fare*), f'dan il-każ ir-rilaxx tar-rikorrent. Talbiet bħal dawn huma maħsuba biex l-Awtorita' ma tagħmilx xi ħaġa (*di non fare*) bħal per eżempju, iżżomm estradizzjoni meta jkunu jikkonkorru ċirkostanzi skont il-liġi.

**10.** Il-Qorti ma tistax tara kif qatt fiċ-ċirkostanzi, kemm dawk fattwali u anke legali, tilqa' t-talba tar-rikorrent.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed **tiċħad it-talbiet** rikorrenti.

Spejjes tal-proċedura a' karigu tar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**